

Brussell, 24 ta' Novembru 2015
(OR. en)

14508/15

Fajl Interistituzzjonali:
2011/0901B (COD)

JUR 747
COUR 63
INST 418
CODEC 1575

NOTA TA' TRASMISSJONI

minn:	Kummissjoni Ewropea
data meta waslet:	16 ta' Novembru 2015
lil:	Is-Sur Jeppe TRANHOLM-MIKKELSEN, Segretarju Ġenerali tal-Kunsill tal-Unjoni Ewropea
Nru dok. Cion:	COM(2015) 569 final
Suġġett:	OPINJONI TAL-KUMMISSJONI skont l-Artikolu 294(7)(ċ) tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, dwar l-emendi tal-Parlament Ewropew għall-pożizzjoni tal-Kunsill dwar il-proposta ta' REGOLAMENTO TAL-PARLAMENT EWROPEW U L-KUNSILL li jemenda l-Protokoll Nru 3 dwar l-Istatut tal-Qorti tal-Ġustizzja tal-Unjoni Ewropea

Id-delegazzjonijiet għandhom isibu mehmuż id-dokument COM(2015) 569 final.

Mehmuż: COM(2015) 569 final



IL-KUMMISSJONI
EWROPEA

Brussell, 12.11.2015
COM(2015) 569 final

2011/0901/B (COD)

OPINJONI TAL-KUMMISSJONI

**skont l-Artikolu 294(7)(ċ) tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,
dwar l-emendi tal-Parlament Ewropew
għall-pożizzjoni tal-Kunsill**

dwar il-proposta ta'

REGOLAMENT TAL-PARLAMENT EWROPEW U L-KUNSILL

li jemenda l-Protokoll Nru 3 dwar l-Istatut tal-Qorti tal-Ġustizzja tal-Unjoni Ewropea

OPINJONI TAL-KUMMISSJONI

**skont l-Artikolu 294(7)(ċ) tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,
dwar l-emendi tal-Parlament Ewropew
għall-pożizzjoni tal-Kunsill**

**dwar il-proposta ta'
REGOLAMENT TAL-PARLAMENT EWROPEW U L-KUNSILL**

li jemenda l-Protokoll Nru 3 dwar l-Istatut tal-Qorti tal-Ġustizzja tal-Unjoni Ewropea

1. INTRODUZZJONI

L-Artikolu 294(7)(c) tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea jistipula li l-Kummissjoni għandha tagħti opinjoni dwar l-emendi proposti mill-Parlament Ewropew fit-tieni qari. Il-Kummissjoni tagħti l-opinjoni tagħha hawn taħt dwar l-emendi proposti mill-Parlament.

2. SFOND

- Id-data ta' trażmissjoni tat-talba tal-Qorti tal-Ġustizzja lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill: 28 ta' Marzu 2011
- Id-data tal-Opinjoni tal-Kummissjoni: 30 ta' Settembru 2011
- Data tal-opinjoni tal-Parlament Ewropew fl-ewwel qari: 15 ta' April 2014
- Id-data tal-adozzjoni tal-pożizzjoni tal-Kunsill fl-ewwel qari: 23 ta' Ġunju 2015
- Id-data tal-emendi tal-Parlament Ewropew fit-tieni qari: 28 ta' Ottubru 2015

3. L-GĦAN TAL-PROPOSTA

It-talba tal-Qorti tal-Ġustizzja għandha l-għan li tirrimedja għall-akkumulu ta' kawżi tal-Qorti Ġenerali tal-Unjoni Ewropea billi żżid in-numru ta' mħallfin. Fil-bidu l-Qorti talbet 12-il imħallef addizzjonali. Sussegwentement, b'kont meħud tal-aggravament tas-sitwazzjoni tal-Qorti Ġenerali, il-Qorti tal-Ġustizzja ssuġġeriet b'mod informali li jiżdied progressivament in-numru ta' mħallfin, fi tliet stadji, biex jilħaq 56 imħallef fl-2019 (żewġ imħallfin għal kull Stat Membru), filwaqt li l-karigi tal-imħallfin tat-Tribunal għas-Servizz Pubbliku jiġu integrati fil-Qorti Ġenerali tal-Unjoni Ewropea. Il-Kunsill adotta l-pożizzjoni tiegħu fl-ewwel qari abbażi ta' dan.

4. OPINJONI TAL-KUMMISSJONI DWAR L-EMENDI PROPOSTI MILL-PARLAMENT EWROPEW

Fit-tieni qari, il-Parlament Ewropew adotta test konsolidat li fih għadd ta' emendi għat-test tal-pożizzjoni adottata mill-Kunsill fl-ewwel qari. Dan it-test huwa r-riżultat tan-negozjati bejn il-Parlament Ewropew, il-Kunsill, il-Kummissjoni u l-Qorti tal-Ġustizzja tal-Unjoni Ewropea. Il-Kummissjoni taċċetta l-emendi kollha li vvota għalihom il-Parlament Ewropew.